## V. GHAND MADAME COUDERT

Il-poplu ta’ Rheims ma tantx dam igawdi dan il-ferh. Huwa veru li keccew ‘l barra l-Germanizi, imma huma kkampaw fuq ix-xtut ta’ Aisne biex mill-gdid ifferghu l-qilla taghhom kontra l-belt permezz ta’ bumbardamenti kuljum. Mill-ghaxra sas-saghtejn l-abitanti tal-belt kienu jfittxu kenn fil-kantini taghhom, jisimghu t-tisfira tal-bombi u l-hsejjes tad-djar qed jaqghu. U meta l-attakki kienu jieqfu, in-nies kienu johorgu biex jispezzjonaw il-hsarat. Matul il-bqija tal-jum kienu jimxu fuq ir-rutina tax-xoghol tas-soltu, jittamaw kontra kull tama l-wasla ta’ aktar suldati Francizi, li mhux biss jiddefendu lir-Rheims, imma jimbuttaw lill-Germanizi aktar ‘l barra.

Meta Pierre u Pierrette marru l-Katidral l-ghada filghou wara l-waslu tat-truppi Francizi, sabu lil missierhom jistrieh wara operazzjoni, fejn fiha tnehhietlu bicca hadida minn saqajh, accident li kwazi swielu hajtu u li kien ser ihallih zopp ghal hajtu.

Kif rathom ommhom qaltilhom, “Kemm qed niehu gost li qed narakom!” filwaqt li haddnithom maghha. “Tistghu tidhlu hdejn missierkom, tarawh ghall-ftit, titfghulu bewsa u tergghu tmorru ghand Madame Coudert”

“Nista’ noqghod hawn hdejn missieri?” talabha Pierre.

“Le,” wegbitu b’ton sod ommu, “Hawn mhux post iz-zghar. Jiena jehtiegli li noqghod hawn biex inkun ta’ ghajnuna ghal infermiera u nzomm l-indafa. Posti huwa hawn fil-prezent, imma ghada jekk kollox ikun sew norqdu flimkien fid-dar taghna, jekk tkun ghadha wieqfa. Sadanitant kunu tfal ubbidjenti u morru ghand Madame Coudert. Hudu hsieb xulxin. Issa igru kemm tifilhu qabel jergghu jiddew nezlin il-bombi.”

Kienu qabel l-ghaxra meta t-tewmin waslu ghand Madame Coudert. Hija kienet tokkupalhom il-gurnata biex it-tfal ma jiddejqux. Pierrette kienet tghin biex taghmel il-kejkijiet u huwa kien ilaqqat il-gelu roza wara li jiksi l-wicc taghhom. Madame Coudert gie li kienet thallihom iservu l-klijienti. Fuq kollox il-qattus ta’ Madame Coudert kien ghalihom annimal li jiddevertihom fil-hin liberu taghhom.

It-tabib qal lil Madame Meraut li kien ikun ta’ gid kbir jekk il-missier ikun fil-kumpannija ta’ uliedu. U waqt li Madame Meraut kienet taqdi doveri ohra fil-Katidral fost il-feruti, Pierre u Pierrette qaghdu ma’ gemb missierhom jaghmlulu kumpannija.

Pierre kien kurjuz ghal l-ahhar biex ikun jaf fuq il-Battalja ta’ Marne halli b’hekk ikun jista’ jiftahar ma shabu li missieru kien persuna li jisthoqqilha kull unur. “Ghidli missier, irrakontali fuq il-battalja ta’ Marne.”

Missieru refa’ ghajnejh lejn ix-xbieha ta’ Santa Giovanna D’Arco u qallu, “Ibni, battalja mhix xi haga pjacevoli li tirrakonta. Fiha jmutu bosta nies u ohrajn jisfghu feruti. Li nista’ nirrakontalek huwa li s-suldati kollha kellhom fuq fommhom isem wiehed, San Giovanna D’Arco meta hargu ghalenija ghal fuq l-ghadu. Xi whud hadu gurament li rawha tirkeb iz-ziemel abjad taghha bil-bandiera li tista’ tara fuq l-artal. Jekk hix vera jew le, ma nistghax nghid, izda r-rebha kienet tidher taghna. Minn naha tieghi kull ma nista’ nghid li l-qaddisa patruna taghna ma nesietx lil Franza.”

Wara waqfa qasira biex jistrieh kompla, “Hemmhekk huwa l-post ezatt fejn nizlet gharkubtejha waqt li r-re kien qed jigi nkurunat fil-Katidral taghna wara li gabet rebha fuq l-ghedewwa taghna u tat lir-re mill-gdid it-tronn tieghu. L-aktar mumenti sbieh ta’ hajjietha kienu hawn. Nitlobkom uliedi li titolbu lil din il-qaddisa biex tintercedi ghal Franza u tehlisha.” Wara li qal dan, il-missier ghalaq ghajnejh biex jistrieh.

Pierrette qabditlu idu. “Ghaziz papa,”qaltlu,”kuljum nitolbu lill- qaddisa u nirringrazzjawha li Alla helsek minhaba fina. O li kieku l-povra sieq…..” u waqfet ghax bdiet tikbi.

“Ghaziza tieghi,” wegibha missierha, “x’jiswa sieq izjed jew inqas, meta l-ghaziza taghna Franza hija fil-periklu? Mhux hekk Pierre?”

“Meta nikber bizzejjed immur impoggi miljuni ta’ tunellati ta’ dinamita u ntajjar il-Germanja kollha. Dak li ser naghmel,” qallu Pierre f’mument ta’ patriottizmu.

“Mela ghandek x’tistenna ghaliex ghad ghandek biss disa’ snin,” wiegbu missieru bit-tbissima.

Ommkom giet tati titwila lil uliedha. Imbaghad qaltilhom,” issa diga’ ilkom hin twil hdejn missierkom. Wasal il-hin biex jistrieh. Isaw morru ghand Madame Coudert. Wasslithom sal-bieb tal-katidral, tathom bewsa u qaghdet tarahom sejrin sa ma ghebu minn quddiemha wara kantuniera.